MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 372/2008

**Peter Paul Buhagiar**

**vs**

**Carmelo Said**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 ta' Novembru, 2008, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lir-rikorrent s-somma ta' hamest elef tlett mija u hamsa u tletin Ewro, (€5,335.00), rapprezentanti miljoramenti u benefikati li saru mir-rikorrent f'ghalqa medda t'art gewwa l-Imtahleb limiti tar-Rabat;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bon aria w ufficjali u bl-imghax legali;

Rat ir-risposta tal-intimat datata t-12 ta' Jannar, 2009, li permezz taghha eccepixxa is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimat m'hux il-legittimu kuntradittur u kwindi, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet li se jigu trattati fil-kors tal-kawza;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, meta l-attur gie mitlub johrog mill-ghalqa fejn hemm il-benefikati msemmija, hu hareg pacifikament u minghajr ebda riserva, kwindi l-attur ma fadallu ebda pretensjoni x'javvanza;

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-kontendenti, din kienet ta' *precarium* u kwindi, ghandhom japplikaw l-effetti tal-artikolu 1833 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz; l-azzjoni hija inattendibbli peress li hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li l-attur qua pussessur huwa intitolat ghal xi kumpens, irid jittiehed kont tal-utli rikavat mill-istess intimat tal-benefikati msemmija u dana, wara li jigi ppruvat li r-rikorrent tassew inkorra l-ispejjez imsemmija fl-icken dettall;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat is-27 ta' Jannar, 2009, li permezz tieghu r-rapprezentanti legali tal-partijiet qabblu li jindirizzaw preliminarjament ir-raba` (4) eccezzjoni sollevata mill-intimat stante li din hi ta' natura preliminari u li l-qorti ghalhekk ordnat il-kapovolgiment tal-provi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura hi limitata ghar-raba` (4) eccezzjoni sollevata mill-intimat liema eccezzjoni hi ta' natura preliminari;

Illi f'dan ir-rigward il-fatti li jirrizultaw jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-meritu tal-procedura odjerna jirrigwarda xogholijiet li saru f'eghlieqi maghrufin bhala Tal-Borom, l-Imtahleb;

2. Illi r-relazzjoni li nibtet bejn il-kontendenti rrealizzat ruha ghalhiex r-rikorrent, biex jissodisfa n-namra tieghu ghall-insib, kien talab l-uzu ta' ghalqa proprjeta` tal-intimat biex ikun jista` jaghmel il-mansab tieghu fiha – u dan, madwar tlettax (13) jew erbghatax (14) –il sena ilu, (ara fol 16);

3. Illi jirrizulta wkoll li l-istess rikorrent bena wkoll kamra ftit snin wara li beda juza l-istess ghalqa – madwar ghaxar (10) jew hdax (11) –il sena ilu, (ara fol 16);

4. Illi skond is-sid intimat, din il-kamra nbniet mir-rikorrent minghajr id-debita awtorita` tas-sid intimat, (ara fol 16), u effettivament, l-ewwel darba li l-intimat sema' b'din il-kamra kien madwar Settembru tas-sena 2008, meta l-istess rikorrent kien bghat ittra lill-intimat biex dan ihallsu tal-kamra wara li rritorna l-ghalqa de quo lill-sidha;

5. Illi xhieda ohra indipendenti tikkonferma grosso modo li l-kamra in dizamina nbniet mhux anqas minn disgha (9) snin ilu, (ara fol 18, 20, u 22);

Ikkunsidrat:

Illi skont ir-rikorrent jirrizulta s- segwenti:

1. Illi l-ghalqa in dizamina ghaddiet fil-pussess tar-rikorrent fl-1997 biex fiha jkun jista` jonsob, (ara fol 24);

2. Illi jsostni li fl-ghalqa in dizamina r-rikorrent bena kamra u giebja, u li x-xoghol in kwistjoni nbeda kemm fis-sena 2000 u fl-2002, u gie terminat fis-sena 2003 (ara fol 24, u 25);

3. Illi biex effettwa l-kostruzzjoniijet fuq indikati r-rikorrent isostni li kellu l-permess preventiv tal-intimat;

4. Illi ghalkemm ir-rikorrent talab lil-intimat biex ihallsu tax-xogholijiet de quo dan l-ahhar baqa` inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrent hass li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jiintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi din hi sentenza ta' natura preliminari fis-sens li qed tindirizza eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

Illi ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu naxxenti minn operazzjoni kummercjali jew minn operazzjonijiet ohra, laqgha bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames (5) snin bl-eccezzjoni ta':

i. meta l-kreditu rikjamat ma jaqax taht preskrizzjoni aqsar;

u / jew

ii. meta l-kreditu rikjamat ma jirrizultax minn att pubbliku;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tal-fatti rilevanti ghall-vertenza in dizamina l-ebda wahda minn dawn iz-zewg istanti ma jirrizultaw u allura il-vertenza de quo tippernja esklussivament fuq jekk fil-fatt tapplikax il-preskrizzjoni kwinkwennali rikjamata;

Illi in effetti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi x-xogholijiet de quo gew terminati fl-2003;

2. Illi ghalkemm ir-rikorrent isostni li kien talab lill-intimat biex ihallsu taghhom fl-2007 pero` l-ebda prova oggettiva ta' din ir-rikjesta ma tirrizulta fl-atti;

3. Illi skont l-intimat hu sema` l-ewwel darba bil-kamra '…xi sitt xhur ilu… Qabel infethet il-kawza odjerna kien bghatli ittra biex inhallsu ta' din il-kamra' , (ara fol 16 u 17);

4. Illi ghalhekk fl-ahjar ipotesi jirrizulta assodat li l-intimat sar jaf bit-talba in dizamina biss f'Settembru 2008;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-perjodu indikat fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 fuq citat ghadda minghajr mar-rikorrent ivvanta xi dritt li seta` jippretendi u konsegwentement din il-qorti qed takkolji r-raba` (4) eccezzjoni tal-intimat Carmelo Said u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi ghalhekk preskritta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------